Kunsill Lokali - Ħad-Dingli – Local Council
Ċentru tal-Komunita’
Daħla tas-Sienja, Ħad-Dingli, DGL 1880.
Tel. No. 21456060
E-mail: dingli.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Had-Dingli

## DISA’ LEĠISLATURA

### Laqgħa Numru 15/ K9/ 2021

### Data tal-Laqgha: 02 ta’ Settembru 2021

Il-Kunsill Lokali ta’ Ħad-Dingli ltaqa’ Online fit-15.00 ta’ waranofsinhar.

### PREŻENTI:

Raymond Schembri - Sindku
Sandro Azzopardi - Viċi Sindku
David Vassallo - Kunsillier
Paul Mamo - Kunsillier
Ryan Tanti - Kunsillier

Lexine Farrugia – Ambaxxattriċi taz-Żgħazagħ

### ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

### ASSENTI

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Shawn Tanti – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**15.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.**

15.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

**15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 13/K9/2021;**

15.2.1 Is-Sindku Raymond Schembri ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 13/K9/2021 **(Dok.1).**

15.2.2 Il-Kunsillier David Vassallo ssekonda

15.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**15.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

15.3.1 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lill-Kunsill li saret it-tkomplijia tal-qtugh ta' haxix fi Triq il-Bufula, Panoramika, Triq il-Buskett u Triq ir-Ross.

15.3.2 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lill-Kunsill Lokali li tkomplew ix-xoghlijiet fuq bini ta' hitan tas-sejjiegh permezz tal- Mizura 4.4.

15.3.3 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lill-Kunsill Lokali li beda xogħol ta' tindif ta' culverts.

15.3.4 Is-Sindku Raymond Schembri nforma lill-Kunsill Lokali li sar refreshing tas-sinjali fi Triq San pawl wara li sar xi xoghol mil-Enemalta.

**15.4**

**Tweġibijiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

15.4.1 Il-Viċi Sindku Sandro Azzopardi staqsa rigward sigra f'Guze Ellul Mercer kif ukoll xi arbuxelli li kienu mietu bejn iz-zmien li spicca l-Kuntrattur l-antik u dan il-gdid.

Is-Sindku wieġeb li kien diġa għamel kuntatt mal-kuntrattur il-gdid u gharfu b'din il-hsara u li dawn kienu ser jonqsu mil-pagament kemm il-darba dawn mietu bi traskuragni.

15.4. 2 Il-Kunsillier David Vassallo staqsa jekk kienx skada l-Kuntratt tal-hitan tas-sejjiegh u jekk iva x’inhuma l-azzjonijiet:

Is-Segretarju wiegeb li l-kuntratt kien ghalaq u li kien intbaghat imejl lil-kuntrattur li kien ser ikun qed jehel penali skond il-kuntratt iffirmat bejn iz-zewg partijiet.

## 15.5 Tender Bulky Refuse

15.5.1 Wara li saret l-evalwazzjoni neccessarja is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex tintghazel l-orhos offerta li ssodisfat ir-rekwiziti kollha.

15.5.2 Il-Kunsillier Paul Mamo ssekonda.

15.5.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 15.6 Jum Had-Dingli inkluz Gieh Had-Dingli

15.6.1 Wara li l-bord tal-ghazla fetah u ddiskuta n-nominazzjonijiet u ghamel ir-rakkomandazzjonijiet tieghu, is-Sindku Raymond Schembri ppropona sabiex jinghataw il-premjijiet hekk kif maqbul.

15.6.2 Il-Kunsillier David Vassallo ssekonda.

15.6.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 15.7 Approvazzjoni tat-Tieni Kwart Jannar-Gunju 2021

15.7.1 Wara l-ispjega tal-accountant is-Sindku Raymond Schembri talab ghal-Approvazzjoni ta’ dan ir-rapport.

15.7.2 Il-Kunsillier Ryan Tanti ssekonda.

15.7.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**15.8 Sinjali fi Triq tas-Sienja**

15.8.1 Residenti li joqghodu f'din it-triq u li ghandhom il-garaxx fl-aktar parti dejqa qed isibuha difficli biex johorgu jew jidhlu bil-vettura taghhom wara li qed issir parking quddiemhom. Ghaldaqstant is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex isir yellow double line ma dawn il-garaxxi ghal access ahjar li dawn ir-residenti.

15.8.2 Il-Kunsillier Ryan Tanti ssekonda.

15.8.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**15.9 PA/05459/21**

15.9.1 Is-Sindku Raymond Schembri propona li bhala Kunsill ghandna noggezzjonaw ghal-dan l-izvilupp u naraw li tinzam il-karateristika tas-sit ghal dik li hi illum.

15.9.2 Il-Kunsillier David Vassallo ssekonda.

15.9.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**15.10 Mera fi Triq Guze Ellul Mercer**

15.10.1 Is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex inkelmu lil-perit tal-Kunsill Lokali sabiex jindikalna hu tistax issir mera ghal din iz-zona.

15.10.2 Il-Kunsillier Ryan Tanti ssekonda.

15.10.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**15.11 Sinjali Sofor fi Triq il-Kbira**

15.11.1 Resident li joqghod f'parti ta' din it-triq li minn tieqa li kellu fil-faccata infetah bieb ta' garaxx qed jitlob li jinzeba il-metru yellow double line kull naha kif titlob il-ligi. Ghaldaqstant is-sindku Raymond Schembri propona sabiex napplikaw ghal dawn il-linji.

15.11.2 Il-Vici Sindku Sandro Azzopardi ssekonda.

15.11.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**15.12 Kaz tal-Vecca**

15.12.1 Wara l-meeting li s-Sindku u s-segretarju kellhom mas-CEO tal-Lands rigward il-mistoqsijiet pendenti s-Sindku propona sabiex nibghatu email lil-CEO tal-lands sabiex ikollna konferma bil-miktub ta dak li kien intqal fil-laqgha u ir-risposta titella b'mod ufficcjali waqt laqgha ohra.

15.12.2 Il-Vici Sindku Sandro Azzopardi ssekonda.

15.12.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**15.13 .Approvazzjoni disin aggustat Misrah Santa Duminka**

15.13.1 Is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex napprovaw id-disinn aggustat hekk kif issuggerixxa il-Kunsillier/Perit David Vassallo.

15.13.2 Il-Kunsillier David Vassallo ssekonda.

15.13.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**15.14 Kwotazzjoni siggijiet u Mejda ghas-sala tal-Komunita**

15.14.1 Is-Sindku Raymond Schembri propona sabiex nohorgu l-kwotazzjonijiet ghal-siggijiet u mejda ghas-sala tal-komunita.

15.14.2 Il-Kunsillier Ryan Tanti ssekonda.

15.14.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**15.15 Xoghol artistika bl-ghajnuna ta persuni bi bzonnijiet spejcjali**

15.15.1 Wara li l-Ministeru ghal inkluzjoni offra li isir progett ta' arti bil-partecipazjoni ta' persuni bi bzonnijiet specjali, is-Sindku propona sabiex immexxu mal-artist Chris Ebejer skond l-istima li inbaghtet liema progett ser ikun imhallas kollu mil l-istess Ministeru.

15.15.2 Il-Kunsillier David Vassallo ssekonda.

15.15.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**15.16 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagmenti**

15.16.1 Is-Sindku Raymond Schembri ppreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 2 sa Dok. 3)**

15.16.2 Il-Kunsillier Ryan Tanti ssekonda.

15.16.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**15.17 Mozzjonijiet**

15.17.1. Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

**15.18 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

15.18.1. Il-laqgħa intemmet fl-16.55 u giet oġġornata ghat-05 ta Ottubru fil-17.00

15.18.2. Il-Kunsillier Ryan Tanti ssekonda.

15.18.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

Konfermati, illum 05 ta' Ottubru, 2021

Raymond Schembri
Sindku

Shawn Tanti
Segretarju Eżekuttiv